**Knisja Arċipretali ta' San Publju, Floriana**
Uffiċċju Parrokkjali,
4, Triq Sarria,
Floriana.
Tel: 2124 7106
**www.florianaparish.org**

**NRU. 99** **FLORIANA** **MARZU 2008**

## MESSAĠĠ TA' L-ARĊIPRIET

# L-GĦID IT-TAJJEB ĦBIEB

Għeżież Furjaniżi,

Qed nistedinkom biex f'dan ix-xahar, b'mod speċjali fit-tieni u fit-tielet ġimgħa tiegħu, ma nħallux distrazzjonijiet itellfuna milli niċċelebraw bil-qalb u bil-fidi l-misteru tas-salvazzjoni li ġabilna Kristu bil-mewt u bil-qawmien tiegħu.

Se nieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet tant għeżież tad-Duluri u tal-Ġimgħa Mqaddsa. Veru li dan mhux se jkun l-ewwel darba imma veru wkoll li jista' jkun differenti minn drabi oħra. Ftit aktar attenzjoni għandna bżonn.

Nistgħu inżidu fit-talb tagħna, fis-smiegħ tal-kelma ta' Alla u anke fis-sagrifiċċju. Imbagħad infittxu li nidħlu aktar fil-preżenza ta' Alla billi nevitaw ġiri u divertimenti żejda. Ma għandniex nonqsu mbagħad li nieħdu sehem fil-funzjonijiet kbar tal-Knisja.

Nistedinkom tiġu tiċċelebraw miegħi u mal-Kleru. Tislijiet u barka.

*Fr Richard Borg*
*Arċipriet*

## PROGRAMM TAL-PARROĊĊA

## ŻMIEN IR-RANDAN - MARZU 2008

| | |
|---|---|
| Il-Ħadd, 2 | Ir-Raba' Ħadd tar-Randan. |
| It-Tnejn, 3 | 9.30 am EŻERĊIZZI GĦAL KULĦADD fil-Knisja. Imexxi Fr. Carmel Tanti. |
| | 7.00 pm EŻERĊIZZI GĦAL KULĦADD għand il-Patrijiet Kapuċċini. |
| L-Erbgħa, 5 | 4.30 pm Espożizzjoni tas-Sagrament u adorazzjoni. |
| | 7.00 pm Ċelebrazzjoni Penitenzjali. |
| Il-Ġimgħa, 7 | **L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar.** |
| | 9.00 Quddiesa għat-tfal. |
| | 12.35 Quddiesa għall-ħaddiema. |
| | 4.30 pm Espożizzjoni tas-Sagrament u adorazzjoni. |
| Is-Sibt, 8 u l-Ħadd, 9 | **Il-Ħames Ħadd tar-Randan** |
| | Ġabra għas-Seminarju. |
| It-Tnejn, 10 | 9.30 am EŻERĊIZZI GĦAT-TFAL fl-iskola. |
| | 12.30 pm Quddies u EŻERĊIZZI GĦAL KULĦADD ġewwa Sarria. |

| | |
|---|---|
| | 7.00 pm L-aħħar EŻERĊIZZI GĦAL KULĦADD fil-Knisja. |
| It-Tlieta,11 | 5.30 pm Laqgħa għall-ġenituri tat-tfal bniet tad-duttrina. |
| Il-Ġimgħa, 14 | **Id-Duluri.** |
| Is-Sibt, 15 | Solennita' ta' San Ġużepp. (Solennita' trasferita.) |

**ISSA SE NIDĦLU AKTAR FIL-QALBA TAT-TĦEJJIJA TAGĦNA GĦALL-FESTA TA' L-GĦID. ĠEJJA L-ĠIMGĦA MQADDSA U L-GĦID IL-KBIR.**

**IL-ĠIMGHA 14 TA' MARZU ID-DULURI**

**Illum huwa jum ta' devozzjoni kbira. L-enfasi tagħna għandu jkun fuq il-quddiesa u l-ħtieġa li nersqu għall-qrar.**

**Il-Purċissjoni tad-Duluri għandha tkun mixja u espressjoni oħra ta' penitenza u tpattija għal dnubietna.**

| | |
|---|---|
| 9.00 am | Quddiesa għat-tfal ta' l-iskola. |
| 12.35 pm | Quddiesa għall-ħaddiema. |
| 6.00 pm | Quddiesa Solenni ta' Marija Addolorata. |
| 7.00 pm | Purċissjoni bl-istatwa tad-Duluri. |
| 8.00 pm | Quddiesa ta' Marija Addolorata. |

**J E K K I M M U T U M A ' K R I S T U I N Q U M U M I E G Ħ U U K O L L .**
**I L - Ġ I M G Ħ A M Q A D D S A U L - G Ħ I D I L - K B I R**

**ĦADD IL-PALM Il-Ħadd 16 ta' Marzu**

| | |
|---|---|
| 9.00 am | Niftħu l-Ġimgħa Mqaddsa billi nieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni tat-tberik tal-palm u taż-żebbuġ ħdejn il-Museum tas-Subien. Wara nimxu lejn il-knisja. Jieħdu sehem is-saċerdoti, abbatini, fratelli, għaqdiet, tfal u poplu. |
| 9.15 am | Quddiesa Solenni ta' Ħadd il-Palm. Nisimgħu ir-rakkont tal-passjoni ta' Ġesu' skond San Mattew. Qari mill-Missalin tas-sena A paġna 163. |

**IT-TNEJN TAL-ĠIMGĦA MQADDSA. It-Tnejn, 17 ta' Marzu**

| | |
|---|---|
| 6.00 pm | **Ċelebrazzjoni komunitarja tal-Qrar.** |
| 6.30 pm | Quddiesa. |
| 7.00 pm | Via Sagra Meditata. |

**IT-TLIETA TAL-ĠIMGĦA MQADDSA It-Tlieta, 18 ta' Marzu**

| | |
|---|---|
| 6.00 pm | Rużarju meditat. Il-misteri tat-tbatija. |
| 6.30 pm | Quddiesa. |
| 7.00 pm | **Pellegrinaġġ u Via Sagra fil-Ġnien tal-Mall.** Jinġarr il-Kurċifiss il-Kbir. |

**L-ERBGĦA TAL-ĠIMGĦA MQADDSA L-Erbgħa, 19 ta' Marzu**

| | |
|---|---|
| 6.00 pm | Rużarju. |
| 6.30 pm | Quddiesa. |
| 7.00 pm | Via Sagra b'siltiet ta' kant mill-Via Sagra **'Ikun li Trid int'.** |

**ĦAMIS IX-XIRKA Il-Ħamis, 20 ta' Marzu**
**TIFKIRA TA' L-AĦĦAR ĊENA TA' ĠESU' MA' L-APPOSTLI**

6.15 pm Via Sagra.
6.45 pm Introduzzjoni u tifsira tat-**TRIDU QADDIS TA' L-GĦID.**
7.00 pm **KONĊELEBRAZZJONI SOLENNI.** Infakkru l-aħħar ikla tal-Mulej, it-twaqqif ta' l-Ewkaristija u s-Saċerdozju u l-Kmandament ta' l-Imħabba.
Qari mill-Missalin tas-sena B paġna 204.
Fi tmiem il-Konċelebrazzjoni s-Sagrament jiġi trasportat għall-artal tar-Repożizzjoni għall-adorazzjoni.
8.30pm u 9.30 pm Viżti u adorazzjoni organizzati.
10.30 pm Sahra ta' talb u adorazzjoni. Nishru ma Kristu f'dan il-lejl solenni.

**IL-ĠIMGĦA L-KBIRA Il-Ġimgħa, 21 ta' Marzu**
**INFAKKRU L-PASSJONI U L-MEWT TA' KRISTU GĦALINA MIDINBIN**

Illum huwa jum ta' sawm u astinenza.
7.30 am Viżti u adorazzjoni organizzati.
8.30 am Talb ta' l-Uffiċċju tal-Qari u Tifħir ta' Sbiħ il-Jum.
9.15 am Viżti u adorazzjoni organizzati.
3.00 pm Via Sagra meditata.
3.30 pm **ĊELEBRAZZJONI FIT-TIFKIRA TAL-MEWT TAL-MULEJ**
Nisimgħu bil-qima r-rakkont tal-passjoni skond San Ġwann. Wara nitolbu t-Talba Universali tal-Knisja u ssir l-adorazzjoni u l-bews tas-Salib Imqaddes.
Wara nersqu nitqarbnu u ċ-ċerimonja tagħlaq fis-skiet.
Qari mill-Missalin tas-Sena B paġna 211

**SIBT IL-GĦID Is-Sibt, 22 ta' Marzu IL-VĠILI QADDIS TA' L-GĦID**
**Illum il-Knisja tistenna fis-skiet il-qawmien tal-Mulej.**

8.00 pm **IL-VĠILI QADDIS TA' L-GĦID** Din hija ċ-ċelebrazzjoni l-iktar importanti fil-liturġija tagħna. Fiha jitbierku in-nar u l-ilma u jitħabbrilna l-QAWMIEN TAL-MULEJ. F'dan il-vġili NĠEDDU L-WEGĦDIET TAL-MAGĦMUDIJA u nieħdu sehem fil-LITURĠIJA EWKARISTIKA.
Qari mil-Missalin tas-Sena B paġna 232.



**ĦADD IL-GĦID. Il-Ħadd, 23 ta' Marzu**
**KRISTU QAM TASSEW; HALLELUIA**

9.00 am Niltaqgħu ħdejn il-Madonna ta' Lourdes ġewwa Balzunetta għal Ċelebrazzjoni ta' Ferħ u wara **QUDDIESA SOLENNI FIL-KNISJA ARĊIPRETALI.**
Fi tmiem il-quddiesa tingħata figolla mbierka lit-tfal preżenti.

## Nifirħu lil dawn l-Insara Ġodda

- Neil bin Kevin u Louise Oliva
- Kaylee bint Saviour Brincat u Sonia Attard
- Keira bint Roberto u Claudine Cassar
- Isaiah bin Brian u Claudine Zammit
- Mireya bint Mauro Vassallo u Daniela Buttigieg

## Daħlu fil-Ħajja ta' Dejjem

- Alfred Briffa ta' 68 sena
- Carmen Giusti ta' 60 sena
- Rita Azzopardi ta' 46 sena
- Lilian Bonett ta' 64 sena
- Patri Stiefnu Barbara OFM.Cap

## IMBERKIN DAWK LI JĦENNU

Flus mogħtija mill-parroċċa għall-karita' u ħtiġijiet oħra bejn ir-Randan tas-sena l-oħra u dak ta' din is-sena (Iċ-ċifri qed jingħataw f'Liri Maltin)

| | | | |
|---|---|---|---|
| Ġabra għas-Seminarju | Lm 400 | Karita' fil-festa titulari | Lm 555 |
| Lid-Dar tal-Providenza | 482 | Ġabra tal-Papa | 70 |
| Ġabra ta' l-Art Imqaddsa | 80 | Ġbir għall-missjoni | 978 |
| Segr. Ass. Soċjali | 130 | Ġabra għall-iskejjel tal-knisja | 70 |
| Ġbir għall-karita' fil-Milied | 560 | Rigali lill-anzjani | 50 |
| | | Lill-familji fil-bżonn | 150 |
| | | Total € 8211 | Lm 3525 |

F'dawn l-aħħar sitt snin il-parroċċa tagħna offriet € 55,683 (Lm23,905) għall-karita'.

## It-Tberik tal-Familji fi Żmien l-Għid

**L-EWWEL ĠIMGĦA (Qabel San Publju)**

| | |
|---|---|
| It-Tnejn, 24 ta' Marzu | Triq il-Mall, Triq l-Iljun. |
| It-Tlieta, 25 ta' Marzu | Triq V. Bugeja, Pjazza San Kalċidonju, Triq l-Argotti. |
| L-Erbgħa, 26 ta' Marzu | Triq Sarria, Triq il-Konservatorju. |
| Il-Ħamis, 27 ta' Marzu | Triq Vincenzo Dimech. |

## INĦEJJU RUĦNA GĦALL-FESTA TAL-PADRUN TAGĦNA SAN PUBLJU 28 TA' MARZU SAS-6 TA' APRIL 2008

**DINNER DANCE FL-OKKAŻJONI TAL-FESTA TA' SAN PUBLJU, NHAR IS-SIBT 29 TA' MARZU.** Il-kooperrazzjoni tagħkom f'dawn l-attivitajiet iqawwu qalb l-organizzaturi, jgħinu l-fondi tal-festa u tieħdu pjaċir bħala familja u bħala komunita'. **NARAWKOM!**

**IS-SIBT 29 TA' MARZU - JUM STORIKU IEĦOR GĦALL-FLORIANA.**
**Dakinhar se jiġi mbierek u kkonsagrat l-Artar Mejda l-ġdid minn Mons. Arċisqof Pawlu Cremona O.P.**
IĊ-ĊELEBRAZZJONI SOLENNI TIBDA FIS-6.00 PM.

**L-ARĊIPRIET U L-KLERU JAWGURAWLKOM L-ISBAĦ XEWQAT TA' L-GĦID U JISTEDNUKOM TIEĦDU SEHEM MAGĦHOM FIĊ-ĊELEBRAZZJONIJIET. JAWGURAWLKOM UKOLL GĦALL-FESTA TA' SAN PUBLJU.**